V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11099 - CINVEN / MBCC DIVESTMENT BUSINESS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 116/13)

1. Fl-24 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Cinven, Cinven Capital Management (VII) General Partner Limited (Guernsey), ikkontrollata minn Cinven Partnership LLP ("Cinven", ir-Renju Unit);

— ċerti negozji li jinsabu l-Awstralja, il-Kanada, il-pajjiżi taż-ŻEE, New Zealand, l-Iżvizzera, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti ("MBCC Divesment Business") u attwalment ikkontrollati minn LSF11 Skyscraper Midco 2 S.à.r.l. (il-Lussemburgu).

Cinven se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv tal-MBCC Divestment Business

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma fl-entitajiet li għandhom l-MBCC Divestment Business.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Cinven, hija impriża ta' ekwità privata impenjata fil-provvediment ta' ġestjoni tal-investiment u servizzi ta' konsulenza dwar l-investiment għal għadd ta' fondi tal-investiment. Il-kumpaniji fil-portafoll ta' investimenti tal-fondi ta' Cinven huma attivi f'firxa wiesgħa ta' sottosetturi, prinċipalment is-servizzi kummerċjali, il-konsumaturi, is-servizzi finanzjarji, il-kura tas-saħħa, l-industrija u t-teknoloġija, il-media u t-telekomunikazzjonijiet;

— L-MBCC Divestment Business jinkludi n-negozju tas-sistemi ta' taħlit tal-MBCC Group fl-Awstralja, il-Kanada, il-pajjiżi taż-ŻEE, New Zealand, l-Iżvizzera, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti, u n-negozju tas-sistemi tal-kostruzzjoni tal-MBCC Group li jinsab fl-Awstralja u fi New Zealand.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11099 - CINVEN / MBCC DIVESTMENT BUSINESS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.